**MALTA POOL ASSOCIATION**

# REGOLAMENTI GHALL-KAMPJONATI INDIVIDWALI 2012

1. Il-loghob kollu tal-kampjonati ser jintlaghab nhar ta' Erbgha gewwa De La Salle Hall. L- ebda loghba ma tistgha tintlaghab f' post iehor jew f' data ohra minn dik mahruga mill-assocjazzjoni.

2. Il-'fixtures' tal-loghob ser ikunu kollha bil-hinijiet. L-ebda 'fixture' ma tista' tigi mibdula minn dik originali hlief meta z-zewg players jilhqu ftehim u jilghabu l-loghba fl-istess gurnata tal-'fixture' fis- 6.30 pm jew fid-9.30 pm fl-istess post tal-loghob. F' kaz li jsir dan il-President u s-Segretarju ta' l-assocjazzjoni ghandhom jigu nfurmati mill-anqas tmien sieghat qabel il-loghba. <u>Mhux permess tibdil ta' hinijiet fl-ahhar gurnata ta' loghob tal-fazi tal-gruppi kif ukoll fil-gurnata tal-loghob tal- 'Playoffs'.</u>

3. Jinghataw 15 il-minuti zejda 'grace' fuq il-hin stipulat fil-'fixture'. Players li ma jkunx prezenti ghall-loghob sal-hin massimu jitilfu l-loghba u jigu kunsidrati li taw 'walkover'. L-ebda loghba, ghall-ebda raguni, ma' tista tintlaghab wara li tkun dikjarata 'walkover'.

4. Player li jaghti 'Walkover' jigi sospiz milli jkompli jilghab fil-kampjonati u jigi kancellat mill-klassifika. Ir-rizultati tal-loghob milghuba qabel is-sospensjoni jibqu validi.

5. Format – Erbghin player jigu maqsuma skond il-klassifika ta' 'Rankings' fi tmien gruppi. Il-players li jispiccaw fl-ewwel post fil-fazi tal-gruppi jikkwalifikaw direttament ma' l-ahhar sittax filwaqt li l-players li jispiccaw fit-tieni u tielet post jilghabu fi 'playoffs' u r-rebbieha jikkwalifikaw ghal fazi ma' l-ahhar sittax. Minn dan l-istadju l-quddiem il-kompetizzjoni tintlaghab fuq bazi ta' 'knockout'. F' kaz ta' punti ndaqs jigi kunsidrat il-konfront/i diretti u jekk dan ma jkunx bizzejjed jittiehdu inkonsiderazzjoni n-numru ta' frames mirbuha.

6. Premjijiet: Ser jinghataw zewg tazzi ghal kollox ghall-ewwel zewg postijiet

7. Is-semi finalisti f' dawn il-kampjonati jirbhu post fit-tim nazzjonali li ser jirraprezenta lill-Malta fil-kampjonati mondjali 2012 li ser issiru gewwa Blackpool l-Ingilterra.

8. Ir-rebbieh ta' dawn il-kampjonati jigi dikjarat 'champion' nazzjonali ghall-istagun 2011/12

9. Il-finalisti ghandhom jilbsu qalziet tad-drapp iswed, qmis, coff u sidrija.

**Vincent Degiorgio**
**Segretarju Generali**